22001D0141

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 141/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I (Oqmsa veterinarji jew fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2000 ([1]).

(2) Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2000/485/KE tat-18 ta' Lulju li temenda d-Deċiżjoni 2000/350/KE dwar l-isorveljanza epidemjoliġika tal-Bluetongue fil-Ġreċja u ċerti miżuri sabiex ma tkunx tista' tinfirex din il-marda ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2630/97 dwar il-mudell għar-rapportaġġ tal-kontrolli ta' kull sena previsti mill-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/598/KE tat-3 ta' Ottubru 2000 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-Bluetongue fis-Sardinja, fl-Italja ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda u għall-Liechtenstein,

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 195, ta' l-1.8.2000, p. 58.
([3]) ĠU L 228, tat-8.9.2000, p. 22.
([4]) ĠU L 253, tas-7.10.2000, p. 47.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Parti 1,2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 72 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2630/97):

   "– **32000 R 1898**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 (ĠU L 228, tat-8.9.2000, p. 22)."

2. Dak li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 103 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/350/KE):

   ", kif emendat bid-:

   – **32000 D 0485**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/485/KE tat-18 ta' Lulju (ĠU L 195, ta' l-1.8.2000, p. 58)."

3. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 104 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/351/KE):

   "105. **32000 D 0598**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/598/KE tat-3 ta' Ottubru 2000 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-Bluetongue fis-Sardinja, fl-Italja (ĠU L 253, tas-7.10.2000, p. 47)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2000/485/KE, 2000/598/KE, u tar-Regolament (KE) Nru 189/2000 fl-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ippublikati fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei*.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.